# KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Kumpless Umberto Calosso

Triq il-Kbira San { u\ epp

Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
E-Mail: santavenera.lc@gov.mt
Web page: http://www.stvenera.gov.mt


14/17

Minuti tal-erbatax-il Laqgħa tas-sbatax-il sena (is-sitt Kunsill) tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera li, nżammet nhar il-Ġimgħa, t-3 ta' Settembru, 2010, fl-Uffiċċju Amministrattiv.

Preżenti:

Is-Sur Horace J. Anastasi---Sindku
Is-Sur Carmel Camilleri---Kunsillier
Is-Sinj. Mariella Micallef---Kunsilliera
Is-Sur Edwin Formosa---Kunsillier
Is-Sur Joseph M. Formosa---Aġent Segretarju Eżekuttiv

Skużati:

Is-Sur Ronald Briffa---Viċi Sindku
Is-Sur Stephen Sultana---Kunsillier
Is-Sur Cleaven Christian Bugeja---Kunsillier

Aġenda tal-14/17:

01. Talba
02. Qari u approvazzjoni tal-Minuti tal-Ġimgħa, 27 t'Awwissu, 2010
03. Punti mqajma mill-Minuti ndikati
04. Korrispondenza
05. Il-Promozzjoni tal-Iskrivana, s-Sinj. D. C. Cutajar
06. Rapport dwar il-progress PPP dwar it-Toroq
07. L-Emblema ta' Santa Venera—Fjordilis
08. Ġieħ Santa Venera
09. Ilmenti
10. Aġġornament

Qabel bidet il-Laqgħa, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi rċeva notifika mingħand il-Viċi Sindku s-Sur Ronald Briffa u mis-Sinjuri Stephen Sultana u Cleaven C. Bugeja sabiex jiġu skużati.

Il-Kunsill qabel.

1. Talba

Il-Laqgħa bidet fis-5.50pm u nfetħet b'talba qasira mis-Sindku u l-Kunsillieri.

2. Qari u approvazzjoni tal-Minuti tas-27 t'Awwissu, 2010 (14/17).

L-imsemmija Minuti ġew approvati 'nem com' wara li ġie kjarifikat illi l-Aġenda li dehret fl-Abbozz tal-Minuti bi svista, ħarġet dik tal-Laqgħa tat-3 ta' Settembru, 2010.

3. Punti mqajma mill-Minuti tas-27 t'Awwissu, 2010

3.1 Dwar 2.2 Dwar Minuta 5.4---'sleeping policeman'

Is-Sur C. Camilleri qal li xtaq jippreċiża dwar 'l aħħar paragrafu billi jiżdied il-Kliem: "wara talba lit-Trasport Malta". Għalhekk, l-aħħar paragrafu għandu jinqara hekk: "Is-Sindku stqarr li ma jaqbilx ma' dina d-deċiżjoni għax jista' jkun hemm lok vulnerabbli u, avolja ma jkunx qrib xi knisja, skola jew mużew jista' jsir wara talba lit-Trasport Malta ™.

3.2 Dwar 4.1 Minuta 3.8 Rendikont tal-Fiera tal-Artiġġjanat

Is-Segretarju informa lill-Kunsill illi dan ir-rendikont intalab lill-*Accountant* iżda, għadu ma wasalx fil-Kunsill.
Il-Kunsill qabel li għandu jikteb lis-Sinj. Romina Periċi Ferrante sabiex dlonk tipprovdi dak rikjest.

3.3 Dwar Minuta 4.2 Minuta 3.1 Ġieħ Santa Venera 2010.

Il-Kunsill iddiskuta u qabel li peress li żewġ membri biss wieġbu għas-sejħa tal-aċċettazzjoni tat-tkomplija tal-Kumitat tal-Ġieħ u, minħabba li, wara komunikat ieħor liċ-Ċerpersin biex twieġeb għal meta kienet se tlaqqa' l-Kumitat indikat il-Kunsill Lokali ta' Santa Venera baqa' bla tweġiba. l-Kunsill qabel li, f'dan l-Kumitat sfaxxa u, għalhekk, il-Kunsill għandu jaħseb huwa stess dwar l-għoti tal-Ġieħ indikat minħabba li ż-żmien sar.

Il-Kunsill qabel li fil-Laqgħa li jmiss għandu jkun hemm indikat fuq l-Aġenda t-tema speċifikata tal-Għoti tal-Ġieħ Santa Venera 2010 u l-Attivitajiet li jġib miegħu.

Is-Sindku qal li minħabba liż-żmien daħal ġmielu xtaq li jlaqqa' l-Kunsill nhar il-Ħamis/il-Ġimgħa, 9/10 ta' Settembru, 2010, iżda, l-Kunsillieri 'l oħra wrew id-diffikultajiet tagħhom għax kienu mpennjati u xtaqu li titħallha għall-aħħar tax-xahar.

3.4 Dwar Minuta 7 Rapport dwar il-progress PPP dwar toroq f'Santa Venera.

Il-Kunsill ġie nfurmat illi r-rapport kif mitlub mingħand l-*Accountant* għadu ma wasalx għand il-Kunsill.
Il-Kunsill qabel li dlonk għandha tiġi nfurmatha s-Sinj. Perici Ferrante biex mill-aktar fis possibbli tippreżentah lill-Kunsill.

3.5 Dwar Minuta 8 L-Eżitu tar-Rapport tal-Awditur Ġenerali fuq talba għall-Investigazzjoni li ntalbet fuq allegazzjoni ta' irregolritajiet li jinvolvu lill-eks Sindku ta' Santa Venera.

Il-Kunsill ġie nfurmat illi qed tiġi ppreparata ittra li għandha tintbagħt lid-Direttur Ġenerali s-Sur Martin Bugelli sabiex jittieħdu passi skont l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika.

3.6 Dwar tema 9.1 Xogħol bla permess—*Da Izzo Bar & Restaurant* ta' Triq Il-Kappillan Mifsud ma' Triq l-Omnibus.

Is-Sindku spjega li, skont rapport minn Kunsillier dwar l-imwejjed u l-banketti li nħarġu fuq il-bankina ndikata, s-Sindku nforma lis-Sid li ma kienux permissibbli u għax kienet qed tiżgombra l-istess bankina.

Is-sid, is-Sinj. Diane Izzo wieġbet li kellha permess u s-Sindku wieġeb li ma setax ikun. Hi nsistiet li għandha l-permess meħtieġ u s-Sindku talabha biex tippreżentah fl-Uffiċċju tal-Kunsill.

Is-Sindku kompla li nhar il-Ġimgħa, 3 ta' Settembru, 2010, s-Sinj. Izzo ppreżentat il-permess li setgħet toħroġ mejda u erba' siġġijiet (banketti) fil-Kunsill u ġie stabbilit li dan il-permess kien mit-12 ta' Ġunju, 2009 sat-12 ta' Ġunju, 2010.

Peress li l-imsemmi permess skada u ma setax jiġġedded s-Sinj. Izzo intgħarrfet mill-Iskrivana Denise C. Cutajar li ma setgħetx toħroġ aktar imwejjed, siġġijiet/banketti barra mill-Ħanut tagħha.

Il-Kunsill nfurmaha wkoll, li l-ebda permess ma seta' joħroġ għal żmien twil iżda, biss, għal ftit jiem okkażjonali wara li ssir talba lill-Kunsill.

Is-Sindku ppreżenta kopja tal-permess u r-riċevuta.

Il-Kunsill qabel mas-Sindku fuq dan il-każ.

3.7 Dwar 9.3 Xogħlijiet oħra meħtieġa –Triq il-Brunżar

Is-Sindku għamel referenza dwar korrispondenza li l-Kunsill kellu minn żmien Ġunju, 2010, mis-Sinj. Claire Azzopardi u dwar li ħa l-każ f'idejh u rraporta lis-Supretendent Carmelo Magri tal-Għassa tal-Ħamrun dwar kif is-sit indikat qed tintuża bħala miżbla u qed tkerraħ l-ambjent u qed toħloq periklu għas-saħħa tar-residenti tal-madwar u għaċ-ċittadini li jgħaddu minn hemm.

Is-Sindku sostna li għandu jittella' ċint kif stipulat fil-liġijiet tal-MEPA u stqarr li ntbagħt il-kennies u naddaf l-imsemmija parti tat-triq.

Illi sar rapport wkoll, li l-appartament ta' biswit dan is-sit qed joħolqu periklu għax mhemmx poġġaman fuq il-bankina u faċli li xi ħadd jaqa'.

Is-Sindku spjega lis-Supretendent wieġeb li l-każ qed jiġi nvestigat u li se jtwaħħal il-poġamman indikat.

Is-Sindku kompla li rċeva mingħand is-Sinj. Claire Azzopardi u rringrazzjat lilu u lill-Kunsill tal-azzjoni dlonk meħudha.

3.8 Dwar 9.4 Il-Mini ta' Santa Venera

Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri preżenti li l-Kunsill qed jipprepara ittra ndirizzatha lid-Direttur tal-Ambjent MEPA sabiex jikkonferma jekk l-arja f'dawn l-inħawi hijiex dik aċċettabbli għal-għixien deċenti u jekk it-tniġġiż hux ta' livell dak aċċettat mill-liġijiet tal-Ewropa.

3.9 Dwar 9.5 Laqgħa mar-Residenti ta' Triq Il-Parilja, et

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li qed jiġu ppreparati l-avviżi dwar din il-laqgħa li sejra tinżamm nhar il-Erbgħa, 29 ta' Settembru, 2010, fil-5pm u ħeġġeġ lill-Kunsillieri kollha biex ikunu preżenti.

4 Korrispondenza

4.1 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'listi ta' posta—Dħul u Ħruġ sad-data ta' din il-laqgħa.

4.2 Dwar Memo 118/2010 Inizzjattiva ambjentali biex tiċċelebra għeluq l-20 sena ħidma tal-kumpanija Vodafone.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar dan u l-Kunsill qabel li jieħu sehem attiv f'din l-inizjattiva ambjentali kif meħtieġ u li l-Kunsillier is-Sur Cleaven C. Bugeja għandu jkun mgħarraf biex jibda jaħdem fuqha.

4.3 Dwar Memo 24/2009 Skema dwar l-Aċċessibilita' aħjar fil-Lokalitajiet

Il-Kunsill qabel li jwieġeb kif meħtieġ peress li t-tweġiba trid tingħat sat-Tnejn, 5 ta' Settembru, 2010.

Is-Sindku sostna li l-Kunsill għandu jinsisti mal-Gvern Ċentrali sabiex jieħu in konsiderazzjoni li l-Bini Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera mhux talli mhux aċċessibbli għal min għandu xi diżabbilita' jew għal min huwa anzjan iżda, għandu ħafna taraġ kemm fuq barra kif ukoll fuq ġewwa u joħloq periklu għal kulħadd.

*4.4 Mission Walk organized by the Missions' Office in collaboration with various Maltese Missionary Organizations and Congregations.*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li din il-mixja sejra tibda minn ħdejn il-Knisja ta' Santa Elena ta' B'Kara fit-8.30 ta' filgħodu ta' nhar il-Ħadd, 17 t'Ottubru, 2010, jgħaddu minn Triq 'Il Kbira San Ġużepp u tintemm fl-Iskola ta' San Ġużepp, Il-Blata 'l Bajda, fejn se tkun iċċelebrata Quddiesa.

Il-Kunsill approva u wiegħed li jagħti kull għajnuna meħtieġa sabiex tkun suċċess, speċjalment, meta tgħaddi minn Triq Il-Kbira San Ġużepp.

4.5 Dwar ipparkjar fi Trqi Carini

Il-Kunsill qabel li jżid is-sinjal quddiem l-imsemmi garaxx biex ikun jista' jikkwartja.

4.6 Ħatt/Tgħabbija ħdejn *Colour Plus* fi Triq l-Imsida.

Il-Kunsill qabel li jerġa' jikkunsidra din it-talba wara li jsiru x-xogħlijiet ta' tarmak fl-imsemmija triq.

4.7 Skart fil-parapett H/A 112/90

Il-Kunsill qabel li jirraporta lill-Pulizija sabiex tieħu l-passi neċessarji.

5 Il-Promozzjoni tas-Sinj. Denise Christine Cutajar

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-Rapport tiegħu lill-kunsill dwar it-talba tal-Iskrivana D. C. Cutajar sabiex tiġi promossa għal skala 11.

F'dana r-Rapport il-Kunsill innota li għandu jiġi kkjarifikat xi punti qabel ma jikkunsidra t-talba ndikata minħabba li dan il-Grad huwa ta' post ta' Deputat Assistent Prinċipali li f'dan l-istadju l-Kunsill ma kienx qed jikkonsidra.

Is-Sindku qal li b'referenza għall-Artikolu 14 Leġislazzjoni Sussidjarja 363.20 Regolamenti Kunsill Lokali Riżorsi Umani, l-Kunsill xtaq jitlob lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali xi tagħrif u direttivi/struzzjonijiet dwar kif għandu jaġixxi l-Kunsill fir-rigward tas-Sinj. Maria Aquilina u dan, minħabba l-fatt li fi żmien li ġiet impjegata u mliet l-vakanza ta' Skrivan (*CLERK*) u peress li l-iSkala ta' Skrivan hija dik ta' 15, kif joħroġ ċar mill-istess regolamenti, iżda, flok f'din l-iskala 15, inħatret fi skala 13 liema skala hija dik ta' Uffiċjal Eżekuttiv u mhux ta' Skrivan (*Clerk*) u m'hemm l-ebda indikazzjoni ta' skala.

Il-Kunsill għamilha ċara li s-Sinj. D. C. Cutajar ġiet impjegata bħala Skrivana taħt skala 15 u ġiet promossa għal skala 13, liema promozzjoni ġiet riflessa wkoll fiż-żieda tas-salarju tagħha; żieda li tammonta għal madwar €1600 fuq mozzjoni tad-9 t'Awwissu, 2009, tal-Kunsillier is-Sur Stephen Sultana.

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsillieri illi rrispettivament mill-benefiċji li għandha s-Sinj. Cutajar, din kienet tista' faċilment tiġi kkunsidrata għal promozzjoni ta' skala 13 għax kienet ilha qrib tliet snin fi skala 15 u b'*performance* sodisfaċenti.

Il-Kunsill qabel mas-Sindku li f'dawn iċ-ċirkustanzi l-Kunsill ikun jista' jikkunsidra t-talba għall-promozzjoni tas-Sinj. Cutajar f'Diċembru, 2010, meta jilħaq ikollu rapport dettaljat dwar il-*performance* tagħha u bil-Kwalifiċi meħtieġa għal dan il-grad, kif ukoll il-ħtieġa tal-Kunsill.

6. Rapport dwar il-progress PPP dwar Toroq f'Santa Venera.

Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri preżenti li flimkien mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv, kellu laqgħa mas-Sur Albert Borg mill-Uffiċċju tal-Perit Stephen Farrugia dwar l-offerti maħruġa mill-Kunsill dwar dan il-proġett.

Is-Sindku stieden lill-Kunsillieri kollha sabiex isegwu mill-qrib dan il-proġett.

Il-Kunsill qabel ukoll, li dan il-proġett jiġi għall-attenzjoni tal-Kunsill minn żmien għal żmien, dwar il-progress miksub f'perjodi differenti.

7. L-Emblema ta' Santa Venera---Il-Fjordilis

Is-Sindku spjega li issa, aktar minn qabel, l-Emblema tal-Fjordilis tixraq lill-Post ta' Fleur de Lys, fejn il-Viċi Sindku s-Sur Ronald Briffa huwa ċ-Ċermen tal-Kumitat Amministrattiv (*Hamlet*). Is-Sur Anastasi kompla jsostni li l-isem stess jispjega kollox u għaldaqstant, il-Lokal ta' Santa Venera jixraqlu Emblema oħra

Is-Sur Anastasi kompla jispjega li kien hemm għexiren ta' ideat dwar il-bidla tal-imsemmija emblema u persuna waħda talbet li l-emblema għandha tibqa' li hi.

Is-Sindku nsista lill-Kunsill, għandu jżomm quddiem għajnejh l-importanza tal-Akwidott li nbena fl-1615 mill-Granmastru Alof De Wignacourt, l-Iljuni tal-Granmastru de Vilhena minħabba li bena *Casa Leoni* fl-1730 u l-Patruna tal-Lokal l-Verġni u Martri Santa Venera. Is-Sindku ta s-suġġeriment tiegħu li, t-Tarka għandha tkunu bl-isfar u bl-ikħal, għandu jkun hemm is-Salib li hemm fuq it-tarki kollha tal-Granmastri, l-Akkwidott, il-Ljun/i u r-Rand u l-Kuruna ta' Santa Venera.

Is-Sur Anastasi kompla billi fakkar li l-Bandiera għandha tkun bil-kuluri sofor u koħol. Illi l-Bandiera Uffiċjali għandha tkun strixxjata u bl-emblema fin-nofs waqt li dik popolari għandha tkun strixxata biss.

Il-Kunsill qabel li jikseb linji gwida mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u s-sindku wiegħed li jżomm lill-Kunsill infurmat b'kull żvilupp.

8. Ġieħ Santa Venera 2010

8.1.1 (346) Il-Kunsill qabel li jinvestiga.

8.1.2 (347) Il-Kunsill qabel li jinvestiga.
8.1.3 (348) on hold

(349) Il-Kunsill qabel li jinvestiga. Is-Sindku qal li kif imsemmi aktar qabel fl-istess Laqgħa issa, għandu jipprepara għal dan l-avveniment sabiex jinżamm nahr is-Sibt, 13 u l-Ħadd, 14 ta' Novembru, 2010 u stieden lill-Kunsillieri kollha sabiex iressqu l-ismijiet ta' dawk il-persuni li, fil-fehma tagħhom taw sehem kbir fil-Lokalita' ta' Santa Venera u jistħoqqilhom il-premju tal-Ġieħ Santa Venera 2010.

Is-Sur Anastasi stqarr li hu, s-Sur Ronald Briffa u s-Sur Cleaven C. Bugeja jibdew jaħdmu flimkien biex jorganizzaw xi attivitajiet għas-Sibt u l-Ħadd, 13 u 14 ta' Novembru, 2010, rispettivament.

## 9. Ilmenti

Il-Kunsill ikkunsidra lista tal-Ilmenti min-Numru 342 sa Numru 365 u qabel li tittieħed l-azzjoni meħtieġa:

9.1.1 (342) on hold
9.1.2 (343) Il-Kunsill qabel li tintbgħat ittra lill-Kappillan sabiex jinvestiga.
9.1.3 (344) Il-Kunsill qabel li jinvestiga.
9.1.4 (345) Il-Kunsill qabel.
9.1.5
9.1.6 (350) Il-Kunsill ma qabilx.
9.1.7 (351) Il-Kunsill ma qabilx għax diġa' hemm oħra fil-qrib.
9.1.8 (352) Il-Kunsill qabel.
9.1.9 (353) Okej
9.1.10 (354) on hold
9.1.11 (355) Il-Kunsill qabel li għandu jkellem lill-Kuntrattur.
9.1.12 (356) Il-Kunsill qabel li għandu jibgħat ittra ta' twissija.
9.1.13 (357) Il-Kunsill qabel li dan is-sit għandu jitnaddaf mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill u li għandu jinbena ċint xieraq u li nibgħatu l-kont tal-ispiża tal-Kunsill lill-MEPA u lill-Uffiċċju tal-artijiet (sezzjoni Joint Office) sabiex iħallsu għall-ispejjes tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jwaħħal l-arma tal-Kunsill sabiex juri l-ġust tal-Kunsill fuq dan is-sit.
9.1.14 (358) Il-Kunsill qabel li jrid jirċievi l-flus tal-mera u tal-arblu
9.1.15 (359) Il-Kunsill qabel li jagħmel rapport lill-Puluzija
9.1.16 (360) Il-Kunsill qabel li jinvestiga
9.1.17 (361) Il-Kunsill qabel li jsir rapport lill-Puluzija
9.1.18 (362) Il-Kunsill ma qabilx għax din ma tistax issir
9.1.19 (363) on hold
9.1.20 (364) Il-Kunsill qabel li dan jiġi nvestigat
9.1.21 (365) Il-Kunsill qabel li dan jiġi nvestigat

## 10. Aġġornament

10.1 Ħin tal-ftuħ tal-Uffiċċju Aministrattiv.

Is-Sur Anastasi spjega li tkellem mal-Iskrivani fil-preżenza tal-Aġent Segretarju dwar il-Ħinijiet tal-ftuħ u l-għeluq tal-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera u dwar in-nofstanhari.
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li min-nhar il-Erbgħa, 22 ta' Settembru, 2010, il-ħin tal-Iskrivani u tal-ħaddiema assenjati mal-Kunsill se jkun mis-7.30 ta' filgħodu sat-3.30 ta' wara nofsinhar, mit-Tnejn sal-Ġimgħa u, s-Sibt, mit-8 sal-11.30 ta' filgħodu
Is-Sur Anastasi kompla li n-nofstanhari se jkunu fix-xahar t'Awwissu, biss (bħal m'hemm stipulat fil-Liġi) u, d-Dipartiment għandu jkun nfurmat immedjatament, b'dan il-bdil.

10.2 Sit fi Triq Vinċenzo Bugeja---PA 01731/09

Il-Kunsill qabel li jikteb lill-MEPA dwar il-ħmieġ u l-periklu li jinsab fuq is-sit indikat u għandha tintalab biex tieħu l-passi meħtieġa fil-konfront tas-sid.

10.3 Ħajt tas-sejjieħ fi Trejqa tal-Ferrovija

Is-Kunsill qabel li tinkiteb ittra lill-*Lands* dwar il-periklu eżistenti taċ-ċint tas-sejjieħ tal-għalqa li hemm fi Trejqa tal-Ferrovija.

10.4 Nuqqassijiet minn xi Kuntratturi li jaħdmu mal-Kunsill

Il-Kunsill qabel li jibgħat għall-Kuntrattur li għandu x'jaqsam mal Ġonna u ma' dak tal-lampi, għal nhar it-Tlieta, 7 ta' Settembru, 2010, f'nofsinhar. Qabel ukoll li jibgħat għal Kuntratturi oħrajn f'jum ieħor.

Il-Laqgħa ntemmet fid-8.45 ta' filgħaxija.

Qabel il-għeluq tal-laqgħa nftiehem li l-Laqgħa tal-Kunsill tinżamm 'il għada ta' dik li se jiltaqa' mar-Residenti ta' Triq il-Parilja et, jiġifieri nhar il-Ħamis, 30 ta' Settembru, 2010, fil-5.30 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Joseph M. Formosa | Horace J. Anastasi |
| Aġent Segretarju Ezekuttiv | Sindku |

Konfermati